# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI 2847

**Kaz Nru. 3902/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Lucianne Vella**

**vs**

**OIA Services Limited**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni tar-rikorrenti Lucianne Vella li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 2020. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. Daniela Bugeja Mangion u ghas-socjeta ntimata dehru Ms Annemarie Mercieca li kienet assistita mill-Avv. Marlon Borg u mis-Sur Alfred Mallia Milanes.**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti tghid, li bdiet tahdem mas-socjeta GVC New Limited fl-4 ta' Mejju, 2012 bhala Customer Service Administrator**

**u mill-1 ta' Jannar, 2013 hija kienet giet promossa ghal Customer Service Supervisor. Hija tghid ukoll li fit-2 ta' Awwissu, 2013 l-impieg taghha kien gie terminat ghal ragunijiet ta' sensja.**

**Hija tkompli tghid, li regghet bdiet tahdem mal-Kumpanija GVC New Limited fid-29 ta' Jannar, 2014 u giet impjegata fil-grad ta' Customer Service Administrator u ghaldaqstant, peress li hija kienet giet impjegata fi zmien sena minn meta kienet giet issensjata, skond il-ligi ghal ragunijiet ta' servizz mal-kumpanija kien jghodd minn meta kienet giet impjegata originarjament fl'4 ta' Mejju, 2012 pero bi tnaqqis ta' hames xhur li kienet damet barra mill-impjieg li hu l-perjodu ta' meta giet issensjata sal-perjodu li regghet giet impjegata.**

**Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll li 1 ta' Jannar, 2015 dan in-negozju kien gie trasferit lill-kumpnija ntimata (OIA Services Limited) u din kellha tibqa tonora l-kunratt t'impieg li kellha ir-rikorrenti mal-Kumpanija GVC New Limited.**

**Hija tghamel ukoll riferenza ghal Artikolu 38 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:**

**" Meta negozju jew azjenda ohra jittiehed il-kontroll taghhom, ghal kollox jew f'parti minn persuna (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjha "il-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju") minghand principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjah "min jittrasferixxi"), kull impjegat fl-impieg ta' min jittrasferixxi fid-data tat-**

**trasferiment tan-negozju ghandu jitiqies li jkun fl-impieg tal-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju l-persuna ghandha tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha li min jittrasferixxi ghandu rigward l-impjegat.**

**Hija tkompli tghid li ghaldaqstant, l-impieg taghha baqa' wiehed kontinwu minkejja dan it-trasferiment.**

**Hija tghid ukoll li permezz ta' ittra datata 31 ta' Awwissu, 2015 kienet giet infurmata li l-impieg taghha minn ma OIA Services Limited gie terminat minhabba redundancy.**

**Hija tkompli tghid, li l-istess impieg fir-rwol ta' Customer Service Adminstrator li kellha ma OIA Services Ltd. kien qed jitkompla mill-kumpanija WLS Limited permezz ta' kuntratt ta' impieg datat 1 ta' Settembru, 2015. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li kienet giet registrata bhala impjegata mal-kumpanija WLS Limited b'effet mill-1 ta' Settembru 2015.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li fil-waqt li kienet fl'impjieg mal-WLS Ltd fit-28 ta' Ottubru, 2015 hija kienet giet moghtija ir-rwol ta' Customer Service Administrator. Hija tkompli tghid, li minkejja li hija saret impjegata tal-Kumpanija WLS Limited pero xorta wahda u dan skond l-Artikolu 38 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, l-impieg xorta baqa jitqies bhala wiehed kontinwu u dan hu evidenti mill-kontenut ta' l-ittra datata 31 ta' Awwissu, 2015.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tghid ukoll li kienet sipccat minn mal-WLS Ltd. fis-26 ta' Mejju, 2016 u hija ffirmat kuntratt ta' impieg iehor mal-kumpanija ntimata bhala Customer Service Administrator u fis-17 ta' Frar, 2017 giet moghtija l-grad ta' Team Leader tat-Data Verification Department.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid li l-impieg taghha minn mal-kumpanija ntimata gie terminat fis-27 ta' Marzu, 2020 u r-raguni li giet moghtija kienet minhabba l-pandemija COVID–19 ghax is-socjeta riedet li tnaqqas in-numru ta' haddiema u ghaldqastant hija giet moghtija s-sensja.**

**Hija tghid ukoll, li s-sensja ma gietx moghtija skond l-Artikolu 36 (4) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jispecifica r-regola ta' "last in first out" u ghaldaqstant, li kieku giet segwita din ir-regola ma kienx imiss lilha li jigi terminat l-impjieg taghha.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li ma gietx imhallsa skond l-avviz tat-terminazzjoni ta' l-impieg u skond l-Artikolu 36 (5) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Hija tghid ukoll, li lanqas thallset ta' l-overtime, festi pubblici u annual leave li kienet intitolata ghalih.**

**Ir-rikorrenti tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li qed titlob lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg taghha saret bi ksur tal-Ligi u jiffissa kumpens adegwat minhabba tali terminazzjoni ingusta.**

**Hija tghid ukoll, biex it-Tribunal Industrijali jordna lis-socjeta ntimata thallasa s-somma ta' sitt elef mitejn u hamsa u tletin Ewro u hamsin centezmi (€6235.50) li jirraprezentaw is-somma ta' erbat elef, erba mija u erba u ghoxrin Ewro (€4424.32) li huma ekwivalenti ghal tmien gimghat salarju li hu perjodu ta' l-avviz li kellha tahdem skond il-Ligi izda li ma hadmitx peress li l-impieg taghha gie terminat b'modd immedjat.**

**Hija tkompli tghid, li ghandha tigi mhallsa wkoll is-somma ta' seba mija sitta u erbghin Ewro u sittin centezmi (€746.60) ghal leave annuali ki kienet intitolata ghalih.**

**Hlas iehor li r-rikorrenti qed titlob huwa, li ghandha tigi mhallsa s-somma ta' erba mitt Ewro u hamsa u disghin centezmi (€400.95) liema hlas jirrigwardja overtime u is-somma ta' tlett mija wiehed u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmi (€331.82) li huma ghal tlett ijiem xoghol li waqghu fil-festi pubblici.**

**Is-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li kienet itterminat l-impjieg tar-rikorrenti fis-27 ta' Marzu, 2020 u l-grad taghha kien Team Leader fi hdan id-Data Verification Department.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti hu rizultat ta' restructuring liema ezercizzju sar mill-kumpanija sabiex jigu salvagawdjati kemm jista jkun l-impjiegi tal-haddiema.**

**Is-socjeta tkompli tghid li r-rizultat ta' dan ir-restructuring, id-dmrijiet li kienet twettaq ir-rikorrenti gew assenjati lill haddiema ohra u wassal biex ma kienx hemm aktar mehtieg is-servizzi taghha.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti giet impjegata mas-socjeta ntimata fl'1 ta' Gunju, 2016 u ma kienx hemm trasferiment tan-negozju, ghalhekk s-servizz li hadmet mal-kumpanija precidenti m'ghandux jigi kalkulat u ghaldaqstant in-notice period taghha ghandu jkun fis-sehh mid-data imsemmija hawn fuq.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li ghamlet diversi attentati sabiex ir-rikorrenti tirritorna propjeta li tippartjeni lill kumpanija, izda s'issa hija ghadha ma irritornatx din il-propjeta lis-socjeta ntimata u ghaldaqstant, is-socjeta qed tirriserva d-dritt li tipprocedi gudizzjarjament kontra r-rikorrenti sabiex tirritorna din il-propjeta lis-socjeta ntimata.**

**Mix-xhieda tar-rikorrenti u dokumenti tal-JobsPlus li gew ipprezentati quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-rikorrenti bdiet tahdem fl' 1 ta' Mejju, 2012 mill-Kumpanija GVC New Limited fil-grad ta' Customer Service Administrator u permezz ta' ittra datata 1 ta' Awwissu, 2012 hija giet promossa ghal grad ta' Customer Service Supervisor.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-impjieg taghha minn ma GVC New limited gie terminat ghal raguni ta' redundancy u giet notifikata permezz ta' ittra**

**datata 2 ta' Awwissu, 2013 pero baqghat fl'impjieg sal-31 ta' Awwissu, 2013.**

**Mill-provi u skond id-dokumenti tal-JobsPlus jirrizulta wkoll, li hija regghet giet ri-impjegata ma GVC New Limited mill-1 ta' Frar, 2014 fil-grad ta' Customer Service Administrator u l-impjieg taghha gie terminat fil-31 ta' Dicembru, 2014 u r-ragunijiet li r-rikorrenti giet nfurmata mis-socjeta ntimata permezz ittra kienet tghid :-**

**"As from 1st January 2015, the business previously carried out by your employer GVC New Limited has been transferred to OIA Services Limited. In this regard, kindly note that your present contract of employment has been transferred as part of the transaction to OIA Services Limited".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll u skond id-dokumenti tal-JobsPlus li meta r-rikorrenti bdiet l-impjieg fl' 1 ta' Jannar, 2015 ma OIA Services Ltd. hija giet impjegata fil-grad ta' C.S. Administrator.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-socjeta ntimata kitbet lir-rikorrenti fil-31 ta' Awwissu, 2015 fejn giet infurmata li kienet qed tigi redundant pero l-Kumpanija WLS Limited kienet qed toffrielha li tigi mpjegata maghha, liema offerta giet accettata mir-rikorrenti u bdiet l-impjieg mal-Kumpanija WLS Limited b'effett mill-1 ta' Settembru, 2015 u fejn giet impjegata fil-grad ta' Customer Service Administration.**

**Fix-xhieda taghha ir-rikorrenti tghid, li f'dan il-kuntratt gdid kien hemm klawsola tal-probation, pero gew assigurati biex joqghodu kalmi u jinjoraw il-klawsola tal-probation. Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-28 ta' Ottubru, 2015 hija giet promossa mill-kumpanija WLS Limited ghal grad ta' C.S. Supervisor.**

**Mill-provi jirrizulta, li skond id-dokumenti tal-Jobsplus l-impjieg tar-rikorrenti minn ma WLS Limited spicca fil-31 ta' Mejju, 2016 u skond l-istess dokumenti tal-JobsPlus jirrizulta li r-raguni tat-terminazzjoni ta' impjieg kienet li hi rrezenjat mill-impjieg u giet impjegata f'post tax-xoghol iehor ( Termination Reasons ; Resignation employed elsewhere).**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li skond id-dokumenti tal-Jobsplus ir-rikorrenti regghet giet impjegata mal-OIA Services Limited u l-partijiet iffirmaw kuntratt gdid datat 26 ta' Mejju 2016 u l-impieg beda b'effet mill-1 ta' Gunju, 2016.**

**F'dan l-impjieg mas-socjeta ntimata r-rikorrenti giet impjegata fil-grad ta' C.S. Supervisor u fl'1 ta' Frar, 2017 hija giet moghtija l-grad ta' Team Leader fi hdan id-Data Verification Department.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid, li fis-27 ta' Marzu, 2020 irceviet messagg u wara giet infurmata permezz ta' ittra datata 27 ta' Marzu, 2020 li l-impjieg taghha kien qed jigi terminat b'effett mid-data ta' din l-**

**ittra u skond id-dokument tal-JobsPlus l-impjieg gie terminat fil-25 ta' April, 2020.**

**Hija tghid ukoll fix-xhieda taghha, li l-ewwel raguni li giet moghtija kienet minhabba l-pandemija imma aktar tard giet infurmata, li l-impjieg taghha kien qed jigi terminat minhabba restructuring li kienet qed taghmel il-kumpanija u ghaldaqstant l-pozizzjoni taghha bhala Team Leader ma kienitx aktar bzonjuza.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tkompli tghid, li x-xoghol taghha fid-Data Verification Department ma kienx biss li jiehdu hsieb klijenti godda imma wkoll klijenti li diga kellha l-kumpanija u bazikament ix-xoghol jittratta li jsiru verifiki halli jigi evitat li jkun hemm frodi. Hija tghid ukoll, li dan ix-xoghol ghadu jsir mill-kumpanija u qed jghamluh persuni ohra.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li meta giet infurmata li kienet se tispicca mix-xoghol, kienet ukoll qaltilhom li lesta tkompli tahdem, anke jekk is-salarju taghha jigi mnaqqas b'hamsin fil-mija u qaltilhom ukoll, li kienet lesta tahdem minghajr hlas, izda l-offerta taghha ma gietx accettata u l-HR Manager kienet qaltilha li d-decizjoni kienet giet mehuda.**

**Fix-xhieda taghha hija tkompli tghid, li meta spiccat mill-impjieg saret taf li l-management mexa differenti ma haddiema ohra u zammhom fl'impjieg b'paga anqas**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li kien hemm impjegata li kienet tahdem fid-dipartiment taghha u li din l-impjegata giet offruta impjieg alternattiv fil-Customer Care u dan l-impjieg setgha gie offrut lilha ghax hi diga kellha esperjenza f'dan il-qasam.**

**Fix-xhieda taghha hija tkompli tghid, li aktar tard saret taf li kien hemm receptionist li giet moghtija opportunita ta' impjieg alternattiv u liema opportunitajiet ma gewx moghtija lillha.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Carlo Mazza li jokkupa l-grad ta' Direttur mal-Kumpanija. Fix-xhieda tieghu jghid, li n-negozju huwa mmirat lejn is-suq Taljan. Huwa jghid ukoll, li fl'2019 kellhom tnaqqis konsiderevoli fin-negozju minhabba l-kompetizzjoni pero f'dak iz-zmien xorta kienu zammew il-haddiema kollha.**

**Huwa jghid ukoll, li s-sitwazzjoni kompliet tiggrava fl'2020 b'rizultat tal-pandemija ghar-raguni, li l-attivitajiet sportivi gew ikkancellati. Fix-xhieda tieghu huwa jkompli jghid, li l-kumpanija ffaccjata b'din is-sitwazzjoni bdiet ezercizzju biex jitnaqqsu l-ispejjez fejn l-ewwel tnaqqsu s-sighat tax-xoghol tal-haddiema u wara saret ri-organizazzjoni u ristrutturar.**

**Sur Mazza jghid ukoll, li meta sar l-ezercizzju ta' ri-organizazzjoni u ristrutturar li irrizulta li kien hemm bzonn li jigu mnaqqsa l-haddiema u**

**dan biex jigi evitat li l-kumpanija tghalaq u jintilfu l-impjiegi tal-kumplament tal-haddiema.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li f'din ri-organizzazzjoni u ristrutturar kien gie deciz li jigu aboliti l-gradi tal-middle management u dawn ir-responsabilitajiet jibdew jigu assumieti mill-Head Management u b'rizultat ta' dan giet redundant ir-rikorrenti.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li x-xoghol li kienet tghamel ir-rikorrenti ghadu jsir mill-kumpanija, ghax dan jitratta li jsiru investigazzjonijiet fuq il-klijenti tal-kumpanija biex jigi evitat li jkun hemm frodi.**

**Huwa jghid ukoll, li dan ix-xoghol ghalkemm ghadu jsir pero naqas drastikament fejn klijenti godda naqsu b'85% u b'rizultat li d-dokumenti li jigu verifikati naqas ukoll b'mod drastiku u kien ghalhekk li d-Data Verification Department gie amalgamat ma Dipartiment iehor.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li meta d-Data Verification Department gie amalgamat ma Dipartiment iehor, l-Operations Manager ta' dan id-Dipartiment beda jassumi ir-responsabilitajiet ta' Team Leader u bir-rizultat ta' dan gie abbolit il-grad tar-rikorrenti. Huwa jghid ukoll, li peress ir-rikorrenti kienet l-unika persuna f'dan il-grad, hija giet redundant u hadd ma gie mpjegat minn flokha.**

Xehed ukoll Giuseppe Previti li jokkupa l-grad ta' Operations Manager. Fix-xhieda tieghu kkonferma li d-Dipartiment fejn kienet tahdem ir-rikorrenti ma ghadux jezisiti u d-Data Verification Dept gie amalgamat mad-dipartiment li hu kien responsabbli ghalih. Huwa jghid ukoll, li fid-Dipartiment li ghalih hu responsabbli ma kien hemm l-ebda grad tal-middle-management u l-haddiema f'dan id-dipartiment jirrapurtaw direttament lilhu.

Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Ms Annmarie Mercieca li ghandha l-grad ta' HR Manager mas-socjeta ntimata. Fix-xhieda taghha tghid, li l-kumpanija kienet hadet il-Brand ta' Betaland fit-2012. Hija tghid ukoll, li fit-2014 kien hemm takeover bhala transfer of business u l-kumpanija ntimata hadet over il-Brand.

Fix-xhieda taghha tghid ukoll, li fi 2016 is-socjeta ntimata nbieghet, u kienu tkellmu mad-Department for Industrial and Employment Relations (DIER) u mill-investiagazzjoniet li ghamel id-Dipartiment DIER irrizulta, li ma kienx hemm transfer of business. Hija tghid ukoll, li l-impjegati gew terminati fuq bazi ta' redundancy minn OIA services u kienu gew impjegati mal-WLS Limited.

Ms Mercieca tkompli tghid li f'Mejju, 2016 il-haddiema spiccaw mill-WLS Limited u bdew jahdmu mal-kumpanija ntimata fl'1 ta' Gunju, 2016 u lanqas dan ma kien transfer of business.

**Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll, li minhabba l-krizi tal-pandemija saret ri-organizazzjoni u restructuring f'certu Dipartimenti u kien hemm is-sezzjoni li kienet tahdem fiha ir-rikorrenti dik tad-Data Verification Department u r-rikorrenti kienet Team Leader f'dan id-dipartiment u meta dan gie amalgamat ma Dipartiment iehor, il-pozizzjoni ta' Team Leader ma kienx hemm aktar bzonna u x-xoghol illi kienet taghmel ir-rikorrenti bhala Team Leader m'ghadux isir.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li r-rikorrenti ma kienitx l-ahhar persuna mpjegata fid-Data Verification Department u kien hemm impjegata ohra li giet impjegata wara r-rikorrenti, pero l-grad ta' din l-impjegata kien junior tar-rikorrenti.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-Sur Ramon Francalanza EIRA Inspector fid-Department for Industrial and Employment Relations fit-30 ta' Ottubru, 2015 informa lis-socjeta ntimata " Further to the meeting held between you kind self and representatives of the Department of Industrial and Employment Relations, kindly be informed that the stand taken by said Department, after carrying out its necessary investigation, is that there was no transfer of economic activiy between OIA Limited and WLS Limited hence implying that, when taking into account other factors, the present situation does not tantamount to a transfer of business".**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar din il-Kwistjoni tax-Xoghol u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li kif jirrizulta**

**mill-provi, id-DIER ghamel l-investigazzjonijiet neccessarji u ma jirrizultalux li kien hemm trasferiment tan-negozju bejn WSL Limited u OIA services Ltd.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li kif jirrizulta mill-provi, meta ir-rikorrenti spiccat mill-impjieg minn WLS Ltd fil-31 ta' Mejju, 2016 skond id-dokumenti tal-Jobsplus ir-raguni li spiccat mill-impjieg minn mal-WLS Limited kienet "Termination Reason: Resignation Employed elsewhere". Ghaldaqstant, l-impieg tar-rikorrenti ma OIA Services Limited kien impjieg gdid b'sehh mill-1 ta' Gunju, 2016.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirrizulta mill-provi s-socjeta ntimata kienet ghaddejja minn zmien difficcli kawza tal-kompetizzjoni u din is-sitwazzjoni ggravat b'rizultat tal-pandemija.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra din is-sitwazzjoni huwa tal-fhema li l-mizuri li ghamel il-management tas-socjeta ntimata kienu gustifikati sabiex jissalvagwardja l-ezistenza tal-kumpanija kif ukoll l-impjiegi tal-haddiema li baqaw jahdmu mal-kumpanija.**

**Kif jurrizulta mill-provi li f'din ir-organizazzjoni u ristrutturar gie amalgamat id-Data Verification Department ma Dipartiment iehor u gew issensjati numru ta' haddiema nkluz ir-rikorrenti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li skond il-kuntratt ta' servizz bejn ir-rikorrenti u l-Kumpanija OIA Services Ltd datat 26 ta' Mejju, 2016 ir-rikorrenti kienet giet impjegata mas-socjeta ntimata mill-1 ta' Gunju, 2016 u skond il-kuntratt il-grad taghha kien C.S. Supervisor.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fis-17 ta' Frar, 2017 ir-rikorrenti giet moghtija l-grad ta' Team Leader fid-Data Verifiction Department.**

**Ghaldaqstant, meta b'rizultat ta' ri-organizzjoni u ristrutturar li saret, il-grad ta' Team Leader li kienet tokkupa ir-rikorrenti gie ddikjarat abolit u r-rikorrenti kienet l-unika haddiem impjegata fil-grad ta' Team Leader fid-Data Verification Department, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li kien imiss lir-rikorrenti li tigi dikjarata redundant.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll it-talba tar-rikorrenti, dik li kellha tigi kkunsidrata li tigi moghtija mpjieg alternattiv mas-socjeta ntimata.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li meta r-rikorrenti giet impjegata mas-socjeta ntimata fl'1 ta' Gunju, 2016 il-grad taghha kien ta' C.S Supervisor u aktar tard kienet promossa ghal Team Leader, pozizzjonijiet li huma klassifikati bhala middle-management u dawn gew eliminati fir-organizazzjoni li saret. Invista ta' dan l-aspett it-**

**Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li l-management ma kellu l-ebda obbligu legali li joffri xoghol alternattiv lir-rikorrenti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, it-talbiet tar-rikorrenti rigward li ma gietx imhallsa ghal avviz tas-sensja, leave, Festi Pubblici u overtime.**

**Rigward dan l'aspett tajjeb li wiehed jirrimarka, li l-kompitenza tat-Tribunal Industrijali hija li jezamina l-kaz u jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg saritx ghal raguni tajba u sufficenti u mhux bi ksur tal-ligi u fl'eventualita li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret bi ksur tal-Ligi jghati rimedju.**

**Ghaldaqstant, dawk l-aspetti fejn ir-rikorrenti qed tikkontendi li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha meta ma gietx imhallsa dawk l-aspetti tal-kundizzjonijiet tax-xoghol imsemmija hawn fuq, dwar dan l-aspett ta' ksur tal-kundizzjonijiet tax-xoghol mhix kompitenza ta' dan it-Tribunal Industrijali li jiddeciedi fuq din il-materja u ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandha tirreferi dan il-kaz lill-Qorti ohra li titratta din il-materja.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezenti, ra u kkunsidra s-sottomissjoniiet finali**

**u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti ma saritx bi ksur tal-Ligi.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u is-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat: Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Ft: Daniela Attard**

**Ghas-Segretarja**

**Data 29.9.2022**